MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 69/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Domenic Caruana [K.I. Nru. 236555M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fit-30 ta’ Jannar, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u sittax-il euro u sittax-il centezmi ta’ euro (€316.16) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt [recte: tlett] mija u sittax-il ewro u sittax-il centezmi (€316.16) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 80030393 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza u skont l-annessi dokumenti Dok IZY 1 u Dok IZY 2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fid-9 ta’ Frar, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta’ April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta’ April, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokumenti A (prospett tal-kont numru 80030393) u B (applikazzjoni ghas-servizz);

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u sittax-il euro u sittax-il centezmi ta’ euro (€316.16), bl-imghax mid-data meta l-ammont kien dovut.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------